MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 710/2006

**Fl-atti tal-ittra ufficjali pprezentata fis-17 ta' April 2006 fl-ismijiet:**

**Agent Direttur tar-Registru Pubbliku**

**vs**

**Nutar Peter Fleri Soler**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tan-Nutar Peter Fleri Soler (ID 113065M) datata 2 ta' Awwissu 2006 fejn espona: -

IIIi t-talba tal-Agent Direttur tar-Registru Pubbliku ghal hlas ta' erbat elef mija tmienja u erbghin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm4,148.13) rapprezentanti hlasijiet ghal ricerka hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan stanti l-

fatt li ma jezistux l-elementi tal-artikolu 1347 tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta), u *inoltre* tali talba tmur kontra d-direttivi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ordnijiet in virtu tas-sistema “on line” u ghalhekk l-esponenti jopponi tali talba ghal hlas ghal kull fini u effetti tal-artikolu 466 (2) tal Kodici tal Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabli Qorti toghgobha tiddikjara t-talba odjerna bhala wahda nfondata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-18 ta’ Ottubru 2006.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta’ Ottubru 2006 (fol 5) fejn espona: -

1. Illi l-elementi tal-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili huma sodisfatti.

2. Illi l-prezz tar-ricerki huwa determinat u huwa fil-fatt iffissat permezz tal-Avviz Legali numru 353 tas-sena 2004.

3. Illi r-rikorrent kellu kull opportunita` illi jillimita l-kwantita` ta' ricerki li kien qed jordna meta ghamel l-ordni u ghalhekk id-decizjoni illi jigu ordnati r-ricerki kollha tas-socjeta` 'St Andrews Hotels Limited', huma kemm huma, hija attribwibbli biss lir-rikorrent u ma giet bl-ebda mod imposta fuqu. Dan wisq izjed meta fil-formola li biha jigu ordnati r-ricerki hemm ix-xelta specifika illi wiehed jindika illi jekk ricerka tkun tinvolvi iktar minn certu numru ta' noti huwa ma jridhiex.

4. Illi ma sar xejn da parti tal-esponent jew il-kuntrattur tieghu illi jmur kontra d-Direttivi tal-Unjoni Ewropea. Illi r-rikorrent ghamel l-ordni u l-konferma tal-accettazzjoni taghha inghatatlu.

5. Illi l-esponent qieghed ukoll jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` ‘Eureka Services Limited.’

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tichad it-talba dedotta fir-rikors;

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tan-Nutar Peter Fleri Soler datata 30 ta’ Novembru 2007 (fol 95).

Rat in-nota responsiva tal-Agent Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta’ Jannar 2008 (fol 101).

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Jannar 2008 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti ghamlet referenza ghan-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u halliet ir-rikors ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2008; u l-verbali tas-seduti kollha sal-31 ta’ Ottubru 2012 fejn ir-rikors dejjem baqa’ differit ghas-sentenza.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn ir-rikors gie differti ghas-16 ta’ April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent in-Nutar Dottor Peter Fleri Soler qieghed jimpunja kont mahrug mir-Registru Pubbliku rapprezentanti l-prezz ta' ricerki li kienu gew ordnati minnu. Dawn il-proceduri skattaw in segwitu ghall-ittra gudizzjarja pprezentata mill-Agent Direttur tar-Registru Pubbliku kontra r-rikorrent odjern fis-17 ta' April

2006[1] li permezz tal-istess, u *a tenur* tal-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, interpella lin-Nutar imsemmi sabiex ihallas l-ammont ta' disat elef sitt mija u tnejn u sittin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€9,662.54) gja erbat elef, mija u tmienja u erbghin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,148.13) rapprezentanti l-hlas dovut rigward ricerka li saret fuq talba tieghu lis-*Searches Unit* f'Marzu 2005. L-istess Nutar sussegwentement ressaq ir-rikors odjern sabiex jimpunja dan il-kont skont il-ligi.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Fis-16 ta' Marzu 2005 in-Nutar Peter Fleri Soler kien ghamel applikazzjoni permezz ta' *email* sabiex isiru ricerki rigwardanti s-socjeta` *Andrews Hotels Limited* limitatament ghall-proprjeta' fl-inhawi ta' St. Andrews, Swieqi u Birkirkara.[2] Din l-applikazzjoni giet mghoddija mid-Dipartiment lis-sub-kuntrattur tieghu, is-socjeta' *Eureka Services Ltd.,* u debitament ipprocessata. Ir-ricerki gew ikkonsenjati lid-Dipartiment li hallas lil *Eureka Services Ltd.* il-prezz dovut[3] u b'hekk inhareg il-kont in kwistjoni (vide **DOK CM2** a fol. 18 tal-process) addebitat lir-rikorrent.

Ir-rikorrent isostni li n-negozju impunjat ma jissoddisfax l-elementi rikjesti mill-**artikolu 1347** tal-Kodici Civili ta' Malta *stante* li l-prezz tal-oggett akkwistat, (ir-ricerki) ma setax jigi determinat fil-mument li fih sar l-ordni. *Inoltre* jsostni li n-negozju in kwistjoni sahansitra jikser id-dettami tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 7/97 EC li jirregola l-Protezzjoni tal-Konsumaturi rigward ta' Kuntratti li Jsiru Mill-Boghod.[4]

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, da parti tieghu, isostni li l-prezz tar-ricerka hu determinat permezz tal-Avviz Legali numru 353 tas-sena 2004 li jaghti lill-kategorija specjali ta ' applikanti, u cioe`, lin-Nutara, il-fakolta` li jistabbilixxu limitu fuq il-kwantita' ta' noti li jistghu jirrizultaw mir-ricerka. *Inoltre* d-Direttiva citata mir-rikorrent, li gie trasportat fil-

[1] **DOK PFS1** Esibit a fol.15 tal-process.
[2] **DOK CM1** a fol.16 tal-process li huwa l-konferma tal-ordni mahrug mid-Dipartiment.
[3] **DOK CM4** a fol. 21 tal-process.
[4] Directive 97/7 EC of the European Parliament and of the Council of the 20th May 1997 on the Protection of Consumers in respect of Distance Contracts.

Ligi Maltija permezz ta' Avviz Legali mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ukoll id-Direttur kien rcieva l-ordni u l-konferma tal-accettazzjoni taghha kienet inghatatlu.

Xehed **CHARLES MICALLEF,** Agent Direttur tar-Registru Pubbliku[5] li stqarr li fis-sena 1999 il-Gvern dahal fi ftehim mal-kumpanija *Eureka Services Limited* sabiex ir-ricerki tibda tohroghom hi f'isem il-Gvern. Spjega l-process involut u li n-Nutara ghandhom facilita' li jaghmlu t-talba ghar-ricerki *on line* bhal ma gara fil-kaz in ezami. "*Intalbet ricerka li saret fis-16 ta' Marzu tal-2005 min-Nutar Peter Fleri Soler....dahlet fil-kompjuter fejn tigi generata l-ordni, u l-ordni tmur awtomatikament ghand l-Eureka. Fl-istess hin tohrog ukoll konferma ta' din l-ordni (**DOK CM1).** L-Eureka Services Ltd hija kuntrattur*." Din hija procedura interna peress li din is-socjeta` m'ghandhiex x'taqsam mal-pubbliku jew mal-applikant. Ix-xhud esibixxa *breakdown* ta' kemm hargu noti u anke l-prezz kemm giet tiswa' ir-ricerka (**DOK CM2).** Ix-xhud kompla "*Ir-ricerka waslet ghandna u wara illi sar ic-checking, flimkien mar-ricerka, intbaghat ukoll l-invoice **(DOK CM3)** mill-kumpanija ghaliex il- ftehim huwa illi l-Gvern ihallas lill-kumpanija kif jitlestew ir-ricerki mbaghad il-Gvern jircievi l-pagament minghand in- Nutar. **(Payment voucher dok CM4)**. "Sfortunatament din ir-ricerka minn dak iz-zmien 'il hawn qatt ma giet migbura u ghadha gol-cupboards maqfula, fil-unit section – il-unit tar-ricerki."*

Ix-xhud spjega li meta wiehed japplika *on line* hemm diversi *templates* li jista' jutilizza, inkluz *template* biex wiehed ikun jista' jillimita r-ricerka. "*B'din jien infurmat illi qatt ma saret u ghalhekk meta din marret ghand il-kumpanija harget ir-ricerka shiha illi huwa mifhum li tikkonsisti f'xi hames kaxxi karti – is-sistema taghtik facilita' biex meta l-kumpanija tkun qed tibda ricerka u taqbez certu numru ta' noti, jekk inti tkun ghazilt li tillimita, allura tieqaf u ma tkomplix ir-ricerka...tezisti template fis-sistema u din ma gietx uzata min-Nutar li ordna din ir-ricerka."*

---

[5] Xhieda a fol. 25 tal-process

Id-Dipartiment informa lin-Nutar li r-ricerki kienu lesti u offrewlu li jithallsu anke ratealment. Madanakollu u minnkejja interpellazzjoni, inkluz permezz ta' ittri registrati qatt ma kellhom risposta.

**JOSEPH GENOVESE** principal fir-Registru Pubbliku fit-taqsima tar-ricerki, spjega li minn 3337 nota li rrizultaw mir-ricerka - hdax (11) huma noti tal-insinwa, filwaqt li tmienja u tletin (38) huma noti ta' ipoteka li maghhom kien hemm mehmuzin pero` ghadd ta' noti ta' referenza. (**DOK JG1)**[6] L-inizjali **D/P** hdejn tlieta min-noti tal-insinwa jfissru li kien ghal proprjeta` ohra barra mill-limiti territorjali mitluba.

"*Ghalkemm nghid illi r-ricerki dwar trasferimenti, jew ahjar noti ta' insinwa jistghu jigu mitluba bhala ricerka minn min ikun, relattivi ghal proprjeta' partikolari, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' ricerka dwar passivita' u ipoteki, meta jitnizzlu noti ta' referenzi, f'dawn ikunu jinkludu lil persuna jew korp guridiku illi dwarhom ikun sar ir-ricerki u jista' ikun li jolqtu ipoteki jew inkella noti ta' referenza ta' proprjeta ohra li ma tkunx dik mitluba ghat-tiftix dwar ricerki dwar trasferiment.*"

F'dan il-kaz in-numru ta' referenzi relattivi ghall-passivita' kienu jisbhu bil-bosta dawk marbutin mat-trasferimenti ta' proprjeta` partikolari izda d-Dipartiment ma jibghatx javza lil minn ordna r-ricerki ."*Nghid li jekk effettivament il-persuna li tkun ma taghmilx talba specjali skont ir-regolamenti illi hemm fis-sehh, ahna minn rajna ma nibghatux navzaw lil dik il persuna b'dak li jkun irrizulta*." Hu spjega li **l-Avviz Legali 289 tas-sena 2001**[7] **,**fir-regolament 6B jaghti l-facilita` lill-applikant *on line* li jillimita r-ricerka.

Minn harsa lejn id-**DOK CM3** jirrizulta li 7 biss mir-ricerki li ghamlet il-kumpanija *Eureka Services Limited* qabzu l-prezz ta' Lm50 inkluzi l-fattura mahruga ghar-ricerki mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt skont dan ix-xhud, kontijiet simili

[6] Esibit a fol. 36 sa' 67 tal-process
[7] Li jemmenda l-AL 261 tas-sena 2000

ta' din l-entita' ftit li nhargu mis-sena 2000 'íl hawn - "*circa 6 jew 7.*[8]" Hu xehed ukoll li fiz-zmien tal-ordni in kwistjoni kienu japplikaw l-iskedi tal-Kap 56 tal-Ligijiet ta' Malta kif emmendati bl-Avviz Legali 353 tas-sena 2004[9].

**MARIA ELENA CASSAR,** Direttrici tas-socjeta` *Eureka Services Limited* ikkonfermat li s-socjeta` thallset tar-ricerka ordnata min-Nutar Fleri Soler. Hi ikkonfermat[10] wkoll li ma kienx sar limitazzjoni tar-ricerka meta saret l-ordni. Esibiet *print out* **(DOK MEC1)[11]** tat-talba li saret mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fuq talba li kien ghamel ir-rikorrent ghar-ricerka imsemmija. Ikkonfermat li l-unika limitazzjoni kienet rigward proprjeta' li kienet tinstab f'arja partikolari - jigifieri St Andrews, Swieqi u B'Kara.

"*Nghid illi nutar illi ghamel talba elettronikament ghar-ricerka jista' jaghmel limitazzjoni ghan-numru ta' noti li jirrizultaw meta ir-ricerka tkun qieghda issir."* Dwar il-hlas xehdet li *"l-ammont li tircievi ma jkunx daqs l-ammont fatturat peress li d-Dipartiment jiehu percentwali ekwivalenti ghas-surcharge li tintalab ghal kull ricerka minn kull kont li jinhareg".* Il-kumpanija ma tigbidx l-attenzjoni tad-Direttur meta jirrizulta li r-ricerka ser ittella' numru sostanzjali ta' noti.

**In-Nutar Dottor Peter Fleri Soler** xehed[12] billi kkonferma li ma kienx illimita r-ricerka ghall-ammont ta' noti ghaliex "*hsibt li ma kienx hemm bzonn li nillimitaha."* L-Insinwa lanqas kienet indikatlu dwar l-ammont li kienu ser jiswew ir-ricerki ghaliex *"taht din is-sistema ma ssirx."* Riferibbilment ghal **DOK JG1** in-Nutar xehed li 85% jikkosisti "*f'riferenzi ghall-ipoteki ta' kumpanija ohra li kienet garanti ghal dik il-kumpanija, ghax fil-fatt, milli kelli bzonn kull ma hemm huma tnax."* Qabel ma hadu over l-*Eureka Services Ltd,* meta r-ricerki kienu jaqbzu Lm50 kienu jinfurmaw lin-Nutara jekk iriduhomx jew le u l-applikant kien ikun jista' jirreferi ghall-klijent tieghu biex

[8] Xhieda a fol. 78 tal-process.
[9] **DOK JG3** esibit a fol. 71 tal-process.
[10] Xhieda esibita a fol. 81 et. seq. tal-process
[11] Fol. 74 tal-process
[12] Xhieda esibita a fol. 88 et seq. tal-process.

jistaqsih jekk iridx jidhol f'din l-ispiza. "*Meta ghidt lill-klijent jekk ghandix nigbor ir-ricerki qalli 'Over my dead body' u jien ovvjament hallejthom hemm. Mhux ha nigborhom ghalija.*"

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**L-artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li:**

**"1347.** Il-*bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej*. "

B'dan il-legislatur ried li l-prezz ikun determinat, jew almenu determinabbli oggettivament bejn il-partijiet.

Fil-kaz odjern, il-prezz kien determinat ghaliex hu dak indikat mill-legislatur stess permezz ta' diversi avvizi legali, mil-liema, l-**Avviz Legali 353**[13] **tal-2004** jistabbilixxi r-rati li ghandhom jithallsu ghal kull applikazzjoni ta' ricerka ta' iskrizzjoni fid-data tal-applikazzjoni mertu ta' din il-kawza.

Minn ezami ta' regolamenti ohrajn jirrizulta li, skont l-**Avviz Legali 261 tas-sena 2000**[14] "*ricerkatur"* jirreferi, *inter alia* ghall-"persuna li tezercita l-professjoni ta' Nutar." Skont ir-Regolament 5(4) hemm perjodu qasir li jippermetti lill-applikant li jkollu ripensament u jhassar l-applikazzjoni tieghu u cioe` sa erbgha u ghoxrin siegha (24) wara li tkun giet pprezentata. Ukoll ir-Regolament 6(4) tal-istess jikkontempla li l-applikant jista' jillimita r-ricerka ghal xi proprjeta' partikolari.

[13] Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mal-Att dwar ir-Registru Pubbliku li dahhlu fis-sehh fis-7 ta' Lulju 2004.
[14] Regolamenti dwar il-Komputerizzazzjoni, Spezzjoni u Ricerki fir-Registru Pubbliku li dahhu fis-sehh fis-sena 2001 skont kif jirrizulta mill-istess Regolament .

Rilevanti ghall-kaz in ezami huwa dak mahsub fir-Regolament **6B** tal-**Avviz Legali 289** tas-sena 2001 li jemmenda l-Avviz Legali precedenti[15]. Bir-regolament **6B**, il-legislatur introduca skema li permezz tieghu l-applikant jista' jasal fi ftehim mad-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jillimita r-ricerka ghall-ghadd specifiku ta' iskrizzjonijiet. F'tali kaz id-Direttur ikun marbut li jgharraf lill-applikant meta n-numru jeccedi dak specifikat u l-ordni tibqa' sospiza ghall-perjodu ta' mhux iktar minn sebat ijiem mid-data tal-applikazzjoni, u f'kaz ta' nuqqas ta' konferma, titqies li tkun giet irtirata. F'dan il-kaz hemm ukoll prezz stabbilit mill-istess Regolament li ghandu jithallas. Ma hemmx dubju li r-rikorrent odjern seta' skont dan ir-regolament, jidhol fi ftehim simili kieku ghazel li jaghmel hekk.

**DIRETTIVA 7/97 EC**

Ir-rikorrent invoka a favur tieghu d-dispozizzjonijiet tad-Direttiva **7/97 EC** li jirregola l**-Protezzjoni tal-Konsumaturi rigward ta' Kuntratti li Jsiru Mill-Boghod.** Din id-Direttiva tirregola r-relazzjonijiet ta' kuntratti maghmula *a distanza* bejn konsumaturi u fornituri u giet implimentata b'ligijiet specjali fil-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea. F'Malta kif gustament irrileva l-intimat, giet implimentata permezz tad-*Distance Selling Regulations*[16].

Skont l-artikolu 2(2) tad-Direttiva,"*konsumatur" ifisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, qiegħed jaġixxi għall-għanijiet li m'humiex parti mis-sengħa, negozju jew professjoni tiegħu*" (sottolinear tal-Qorti.) L-Avviz Legali **186/2001** jaghmel riferenza ghad-definizzjoni ta' *konsumatur* stabbilit fil**-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li jiddefinixxi "konsumatur" *inter alia* bhala: -

*"(i) kull individwu li fi transazzjonijiet u hwejjeg ohra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti maghmulin tahtu,*

[15] Li dahhlu fis-sehh fit-30 ta' Novembru 2001 u esibit dan l-Avviz bhala **DOK JG2** a fol. 68 tal-process.
[16] A.L. 186/2001

*jkun qed jagixxi ghal ghanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerc, negozju, sengha jew professjoni*; "

Hu pacifiku li d-Direttiva taghti protezzjoni lil dak il-konsumatur li jikkonkludi kuntratt *a distanza* kopert mill-istess Direttiva, ghal skop strettament privat (*purely private purpose).*

Ghalhekk jirrizulta b'mod inekwivoku li d-Direttiva, kif implimentata fil-ligi taghna permezz tal-Avviz Legali 186/2001 tirregola biss dawk il-kuntratti ta' *distance selling* li ghandhom skop purament privat. Kuntratti ohra, minnkejja li huma koperti bid-definizzijoni ta' *distance selling contract* mhumiex hekk protetti meta dawn isiru ghal skopijiet professjonali jew kummercjali.

Fil-kaz in ezami, ma hemm ebda dubbju li meta n-Nutar ipprezenta t-talba tieghu ghar-ricerka *on line,* kien qed jagixxi fil-mansjoni professjonali tieghu. Huwa n-Nutar li jitqies li hu l- *"konsumatur" ai fini* tat-talba maghmula u l-klijent tieghu kien estraneu ghall-ftehim. Dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni. Ghaldaqstant isegwi li d-Direttiva, u r-Regolament iccitat m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern.

**APPREZZAMENT TAL-PROVI**

Il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami mhumiex ikkontestati. Hemm qbil li l-kont pretiz mir-Registru Pubbliku baqa' ma thallasx ghalkemm is-socjeta` *Eureka Services Limited* thallset talli pprocessat l-ordni.

Jirrizulta wkoll mhux ikkontrastat li fis-sena 1999 inbidlet is-sistema applikabbli ghall-ordnijiet ta' ricerki min-Nutara billi sar ftehim mas-socjeta *Eureka Services Limited*. *Inoltre* n-Nutara setghu jaghmlu ordni elettronikament *on line* u inghataw il-fakolta' li jillimitaw l-ispiza li setghet tirrizulta billi jimponu limitu fl-applikazzjoni taghhom ghan-numru ta' noti rizultanti. B'dan ikunu qed jaghtu struzzjonijiet lill-Insinwa li jekk ir-ricerka tissupera n-numru ta' noti impost bhala limitazzjoni, ir-ricerka tigi sospiza

sakemm l-applikant jikkonfermah. Din is-sistema issostitwiet il-prassi ta' kortesija li, skont ix-xhieda tar-rikorrent, kienet topera qabel fejn id-Dipartiment stess kien jiehu l-isbrigu li javza lin-Nutar meta r-ricerka kienet ser tissupera spiza ta' Lm50. In-Nutar stess ikkonferma li dan m'ghadux isir.

Jirrizulta wkoll ammess mir-rikorrent Nutar li ghazel hu, fil-gudizzju tieghu, li ma jispecifikax limitu fuq l-ordni tieghu ghaliex "*hass li ma kellux bzonn*". B'hekk ukoll isegwi li n-Nutar kien jaf li kellu l-fakolta' li jimponi dan il-limitu, liema fakolta` tohrog mil-ligi stess, imma xjentement ghazel li ma jipprevalixxix ruhu minnha.

L-abbli difensur tar-rikorrent issostni li x-xiri tar-ricerki ma jistax jitqies perfett skont id-dettami tal-artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm il-prezz jista' jitqies definit in kwantu stabbilit permezz tal-Avviz Legali numru 353 tas-sena 2004, u anke mgharraf lill-pubbliku, "*tenut kont tal-fatt li huwa mpossibbli ghal min jordna r-ricerka li ikun jaf proprju kemm ser jirrizultaw noti, dak li jkun ordna ir-ricerka ma jistax jitqies bhala konxju tal-prezz tar-ricerka fil-mument meta ssir l-ordni."*

Fil-kaz odjern indubbjament jirrizulta numru straordinarju ta' noti ta' riferenzi u anke spiza straordinarja meta wiehed jipparagunah mac-cifri elenkati fid-**DOK CM3** tant, skont ir-rikorrent, s-socjeta` *Eureka* li wettqet ir-ricerki fuq ordni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku messa hasset il-htiega li ma tkomplix bir-ricerka u titlob direzzjoni minn min ghamel l-ordni.

L-intimat da parti tieghu, isostni li kien in-Nutar rikorrent li ghazel li ma juzax il-fakolta' li ttih il-Ligi u ma illimitax ir-ricerka tieghu ghal numru ta' noti u li, ghalhekk, m'ghandux ikun l-istess intimat li jbati ghall-konsegwenzi li dan in-nuqqas gab. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku wettaq l-obbligazzjonijiet tieghu meta pprocessa l-applikazzjoni tar-rikorrent u hallas ghas-servizzi moghtija u espletati minn *Eureka Services Ltd.*

**Ikkonsidrat** li ma tistax tikkondividi it-tezi tar-rikorrent. Skont kif gie rilevat iktar 'il fuq, ma jistax jinghad li l-prezz tar-ricerki ma kienx determinat, jew almenu determinabbli oggettivament meta saret l-applikazzjoni in kwistjoni. L-applikant stess seta' jiddetermina anke l-ammont ahhari tan-noti billi jimponi limitu fuq ir-ricerka. Meta ghazel liberament ghar-ragunijiet li stqarr fix-xhieda tieghu, li ma jaghmilx hekk, jitqies li rrinunzja ghal din il-fakolta'. F'tali kaz l-applikazzjoni tieghu hija talba ghal-ricerka minghajr limitu numeriku. F'kuntratti sinallagmatici mhuwiex permess legalment li kontraent jinhall unilateralment mill-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu diment li l-kontraent l-iehor huwa adempjenti.

**Ikkonsidrat** li l-applikant odjern kien midhla tas-sistema, tant li, bhala Nutar Pubbliku, jitqies li huwa applikant privileggjat in kwantu li kellu l-fakolta' li japplika ghar-ricerki b'mezzi elettronici, liema fakolta' hija miftuha ghall-kategoriji specifici biss.

Fil-kaz in ezami, il-kuntratt ossia ftehim bejn il-partijiet ghandu l-partikolarita' li ghalkemm il-prezz rateali hu maghruf, in-numru ta' rizultanzi jkun mgharuf wara li tigi kompjuta r-ricerka u ghalhekk, l-applikant jista' jigi rinfaccjat, bhal ma gara f'dan il-kaz, bi spiza inaspettata u sahansitra esorbitanti jekk ma jipprevalixxix ruhu mill-mekkanizmu provvdut mil-Ligi ghall-ahjar kawtela tieghu.

Izda xorta huwa l-applikant li ghandu jerfa' il-piz u l-oneru tal-hlas, u mhux id-Direttur tar-Registru Pubbliku proprju ghaliex tezisti sistema li tippermetti lill-applikant li jilqa' ghall-tali eventwalita' u jevita r-riskju li jkollu jhallas ammont straordinarju. L-applikant kellu l-mezzi li jipprotegi ruhu u kellu jkun prudenti. Meta ghazel di xjenza proprja li ma jispecifikax l-ghadd ta' iskrizzjonijiet, irrinunzja ghal mizura legali applikabbli ghalih. Gustament osserva l-intimat li l-fatt li kienet tezisti l-prassi, qabel ma dahal fis-sehh il-ftehim mal-*Eureka Services Limited,* li Nutar kien jigi avzat jekk l-ispiza kienet prevista li ser tissupera certu limitu, m'ghadux rilevanti gjaldarba hija l-Ligi stess li toffri facilita' ta' awto-protezzjoni ghall-applikant. Huwa l-applikant li jaghzel il-parametri tar-ricerka ordnata u fejn

ma hemmx limitu fil-ghadd ta' noti, ir-Registratur hu obbligat li jghaddi biex jaghmel ricerka shiha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** r-risposta tal-Agent Direttur tar-Registru Publiku, **tichad** it-talba tar-rikorrent odjern in-Nutar Peter Fleri Soler *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu min-Nutar Peter Fleri Soler.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------